



EMA/399549/2013
EMEA/H/C/000287

Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku

Zyprexa Velotab

olanzapina

Dan id-dokument huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Zyprexa Velotab. Dan jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-mediċina sabiex wasal għall-opinjoni favorevoli tiegħu li tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' użu għal Zyprexa Velotab.

X'inhi Zyprexa Velotab?

Zyprexa Velotab huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva olanzapina. Jiġi bħala pilloli (5, 10, 15 u 20 mg). Pilloli 'orodispersibbli' huma pilloli li jinħallu fil-ħalq.

Għal xiex jintuża Zyprexa Velotab?

Zyprexa Velotab jintuża fil-kura ta' adulti li jbatu mill-iskiżofrenija. L-iskiżofrenija hija marda mentali li għandha numru ta' sintomi, inkluż disturbi fil-ħsieb u fid-diskors, alluċinazzjonijiet (id-dehra u s-smiġħ ta' affarijiet li jkunu immaġinarji), suspecti u delirji (thewdin żabaljat). Zyprexa Velotab huwa effettiv wkoll biex iżomm it-titjib li jkun sar f'pazjenti li jkunu rrispondew għal kors inizzjali ta' kura.

Zyprexa Velotab jintuża wkoll fil-kura ta' episodji manijaċi moderati sa severi (burdata tajba b'mod estrem) f'adulti. Jista' jintuża wkoll biex jipprevjeni li sintomi ta' dawn l-episodji jerġgħu jitfaċċaw f'adulti b'disturbi polari (marda mentali li tikkawża perjodi jalternaw bejn burdata tajba ħafna u depressjoni) li jkunu rrispondew għal kors inizzjali ta' kura.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta tat-tabib.

Kif jintuża Zyprexa Velotab?

Id-doża inizzjali rrakkodata għall-Zyprexa Velotab tiddependi mill-marda li tkun qed tiġi trattata: Doża ta' 10 mg kuljum tintuża għall-iskiżofrenija u fil-prevenzjoni ta' episodji manijaċi, u 15 mg kuljum fit-trattament ta' episodji manijaċi, sakemm ma tintużax ma' mediċini oħra, f'liema każ id-doża inizzjali tista' tkun ta' 10 mg kuljum. Id-doża tiġi aġġustata skont kemm il-pazjent jirrispondi tajjeb u jittoller t-t-trattament. Id-doża normali tvarja bejn 5 u 20 mg kuljum. Il-pilloli orodispersibbli jittieħdu billi



jitqiegħdu fuq l-ilsien, fejn jiddiż-integraw malajr fil-bżieq, jew billi jitħalltu mal-ilma qabel jinbelgħu. Pazjenti li jkollhom iktar minn 65 sena u pazjenti li jkollhom problemi fil-fwied jew fil-kliewi tagħhom jista' jkollhom bżonn ta' doża inizjali iktar baxxa ta' 5 mg kuljum.

Kif jaħdem Zyprexa Velotab?

Is-sustanza attiva f'Zyprexa Velotab, l-olanzapina, hija mediciċina antipsikotika. Hijha magħrufa bħala antipsikotiku 'atipiku' minħabba li hija differenti mill-mediċini antipsikotiċi iktar antiki li ilhom disponibbli mill-ħamsinijiet. Mhux magħruf il-mekkaniżmu ta' azzjoni eż-żgħira, iż-żgħira tħalli li ġidher minn il-ġewwa. Dan ifixkel is-sinjal trażmessi bejn iċ-ċelloli tal-moħħi permezz ta' 'newrotrażmettituri', sustanzi kimiċi li jħallu li-ċċelloli tal-moħħi jikkom. Tar-riċetturi differenti fil-wieċċ ta' ċelluli tan-nervituri fil-moħħi. Dan ifixkel is-sinjal trażmessi bejn iċ-ċelloli tal-moħħi permezz ta' 'newrotrażmettituri', sustanzi kimiċi li jħallu li-ċċelloli tal-moħħi jikkom. Tar-riċetturi għan-newrotrażmettituri 5-idrossitryptamina (*5-hydroxytryptamine*, imsejħa wkoll serotonina) u dopamina. Billi dawn in-newrotrażmettituri huma involuti fl-iskiżofrenija u fid-disturbi bipolari, l-olanzapina tgħin fin-normalizzazzjoni tal-aktivitati tal-moħħi, u b'hekk tnaqqas is-sintomi ta' dawn il-mardiet.

Kif ġie studjat Zyprexa Velotab?

Zyprexa Velota fih l-istess sustanza attiva bħal mediciċina oħra msejħha Zyprexa li ilha awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) mill-1996. Minħabba dan, l-istudji li saru b'Zyprexa ntużaw bħala appoġġ għall-użu ta' Zyprexa Velotab. Twettqu wkoll tliet studji sabiex juru li, meta meħuda mill-ħalq, iż-żewġ mediciċini jipproduċu livelli ekwivalenti tal-olanzapina fid-demm.

X'benefiċċju wera Zyprexa Velotab matul l-istudji?

Bħal Zyprexa, Zyprexa Velotab kien iktar effettiv mill-plaċebo (trattament finta) fit-titjib tas-sintomi. Zyprexa Velotab kien effettiv daqs il-mediċini li tqabbel magħħom għat-trattament ta' adulti bl-iskiżofrenija, għat-trattament ta' episodji maniċċi minn moderati sa severi f'adulti, u dawk li ma jħallux pazjenti b'diżordni bipolari jirkadu.

X'inhu r-riskju assoċċjat ma' Zyprexa Velotab?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Zyprexa Velotab (li dehru f'iktar minn pazjent wieħed minn kull 10) huma somnolenza (ngħas), żieda fil-piż, ipotensjoni ortostatika (il-pressjoni tad-demm titbaxxa f'daqqa mal-qawmien bil-wieqfa) u żieda fil-livelli tal-prolaktin (ormon). Għal-lista shiħha tal-effetti sekondarji kollha rrappurtati b'Zyprexa Velotab, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Zyprexa Velotab ma għandux jintuża min-nies li jkunu ipersensittivi (allerġiċi) għall-olanzapina jew għal xi sustanza oħra tiegħu. Lanqas ma għandu jintuża f'pazjenti li jkollhom riskju ta' glawkom b'angolu dejjaq (żieda fil-pressjoni fl-għajnejn).

Għaliex ġie approvat Zyprexa Velotab?

Is-CHMP iddeċċieda li l-benefiċċji ta' Zyprexa Velotab huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomanda li jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Aktar tagħrif dwar Zyprexa Velotab

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Zyprexa Velotab fit-3 ta' Frar 2000.

L-EPAR shiħi għal Zyprexa Velotab jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenċija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni rigward il-kura b'Zyprexa Velotab, aqra l-fuljett ta' tagħrif (huwa parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'05-2013.